MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 333/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Delia**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba permezz ta’ att ta’ citazzjoni mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Delia, imwieled fit-18 ta’ Mejju 1976, bin Mario u Rita nee Cherett, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 296476M, talli fil-10 ta’ Mejju 2008 ghall-habta tal-10.15 pm bhala l-persuna li f’isimha ghandha l-licenzja ta’ *substitute* tal-hanut ta’ l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta’ “Brown’s” li jinsab gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, ippermetta tfal taht is-sittax-il sena biex jidhlu fil-post imsemmi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta’ Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmi Christopher Delia hati

skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kkundannatu ammenda ta' hamsa u tletin Euro (€35); il-parti decizjonali tas-sentenza taqra hekk:

"Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat, issibu hati; rat ir-regolament 18 tal-Avviz Legali 392/29 u tikkundannah ghal hamsa u tletin Ewro (€35) ammenda."

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fl-14 ta' Novembru 2008, li permezz tieghu huwa talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens illi din il-Qorti tikkonfermaha in kwantu ghas-sejbien ta' htija izda thassarha u tirrevokaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u minflok tinfliggi piena skond il-ligi;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta' April 2009 (kien biss fis-7 ta' April 2009 li l-ufficjali ezekuttivi tal-Qorti rnexxielhom jinnotifikaw lill-appellat bl-avviz tas-smigh – ara r-riferti negattivi tal-5/3/09, 16/3/09 u 3/4/09); rat l-atti kollha tal-kawza; ikkunsidrat:

L-Avukat Generali qed jappella ghax, skond hu, "il-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx fix-xorta jew fil-kwantita` taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghall-akkuza li taghha l-imputat gie kkundannat anke in vista tal-fatt li ma gewx applikati d-disposizzjonijiet kollha relevanti mill-ewwel Onorabbli Qorti…" (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali). Minn dan jidher li l-appellant Avukat Generali qed jinvoka, bhala bazi ghall-appell tieghu, id-disposizzjoni tas-sub-paragrafu (iii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali, li tipprovdi li f'kazijiet li huma ta' kompetenza "originali" tal-Qorti tal-Magistrati (Malta jew Ghawdex, skond il-kaz) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, huwa ghandu dritt ta' appell fil-kaz, fost ohrajn, meta "il-piena moghtija mill-qorti inferjuri tkun, minhabba fix-xorta jew kwantita` taghha, differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-parti misjuba hatja tkun inghatat is-sentenza". Kif inhu evidenti anke min-nota ezibita fl-24 ta' April 2009, f'dan il-kaz l-Avukat Generali qed jibbaza ruhu fuq sensiela ta' sentenzi ta' din il-Qorti, kemm kif illum

presjeduta kif ukoll differentement presjeduta[1], li ripetutament affermaw li imputazzjoni bhal dik migjuba kontra l-appellat odjern tipotizza r-reat kontemplat fir-regolament 6 tal-Avviz Legali 124/1995 u cioe` tar-Regolamenti biex Jinzamm il-Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment, u mhux ir-reat kontemplat fir-regolament 18 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929 li jissejhu Regolamenti dwar Hwienet ghall-Bejgh ta' l-Inbid, Birra jew Likuri Spirituzi (Licenzji, Bonordni u Dicenza Pubblika).

Fil-kors tat-trattazzjoni ta' dana l-appell fl-udjenza tal-24 ta' April 2009, l-abbili difensur ta' l-appellat, l-Avukat Dott. Shazoo Ghaznavi, issottometta li l-Avukat Generali, fir-rikors ta' l-appell tieghu, kien qed jammetti li l-imputazzjoni "tinkwadra" fir-regolament 18 tan-N.G. 392/1929, u li ghalhekk l-istess Avukat Generali ma setax jilmenta minn applikazzjoni zbaljata tal-ligi – cioe` li l-ewwel qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok ohra bil-konsegwenza li applikat piena li ma kienitx dik korretta. Issa, minn ezami akkurat tar-rikors ta' l-appell jirrizulta li huwa minnu li l-appellant ighid li "…l-akkuza, rigward persuni ta' taht is-sittax-il sena li thallew jidhlu fi stabbilimenti tad-divertiment jew li ghandu licenzja tal-hanut ta' l-inbid, birra jew xorb spirituz hija rinkwadrata fir-regolament 18 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 392 ta' l-1929…" (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali). Izda l-Avukat Generali ma jghidx dan biss. Aktar 'il quddiem fir-rikors ta' l-appell jinghad ukoll hekk: "…l-ewwel Onorabbli Qorti, fl-erogazzjoni tal-piena kellha wkoll tiffoka fuq id-disposizzjonijiet ta' l-Avviz Legali 124 ta' l-1995 (illum Legislazzjoni Sussidjarja nru. 10.40) in partikolari r-regolament 6(1) ta' l-istess…"; u jghaddi biex jirriproduci kemm il-paragrafi (1) u (5)[2] tar-regolament 6, kif ukoll il-paragrafu (1) tar-regolament 15 tal-imsemmi A.L. 124/1995. L-appellant ikompli hekk:

[1] Ara **Il-Pulizija v. Raymond Grima** 27/2/09, **Il-Pulizija v. Joseph Galea** 11/2/09, **Il-Pulizija v. Louise Anne Faure** 11/9/08, u **Il-Pulizija v. Louise Anne Faure** 30/7/08.

[2] Il-paragrafu jew subregolament (4) sar (5) permezz ta' l-A.L. 93/2008 b'effett mis-7 ta' Marzu 2008.

"Illi qieghed jigi umilment sottomess illi l-ewwel Onorabbli Qorti kellha mhux biss thares lejn id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Notifikazzjoni tal-Gvern nru 392 ta' l-1929, kif erroneament ghamlet u kkundannat lill-appellat ghall-ammenda ta' hamsa u tletin Ewro (€35), izda kellha thares ukoll lejn id-disposizzjonijiet ta' l-Avviz Legali 124 ta' l-1995 li jistabilixxu multa ta' mitejn tlieta u tletin Ewro (€233) ghal kull tifel ta' taht is-sittax-il sena li jinstab fl-istabbiliment kif ukoll multa ta' mhux anqas minn erba' mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) izda mhux izjed minn disa' mija u wiehed u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75)."

In effetti, ghalhekk, l-appellant qed jghid li l-istess fatt jaghti lok ghall-ksur ta' aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi – ir-regolament 18 tan-N.G. 392/1929 u r-regolament 6 tal-A.L. 124/1995. Din il-Qorti ma taf b'ebda kaz iehor fejn l-Avukat Generali argumenta hekk – sa issa, u sa fejn setghet tistabilixxi din il-Qorti, l-argument tieghu, u li dejjem qablet mieghu din il-Qorti, kien li imputazzjoni bhal dik dedotta kontra l-appellat odjern tinkwadra fir-regolament 6 kif inghad. In effetti dak li qed jargumenta llum l-appellant Avukat Generali hu li hawn ghandna konkors ta' reati. Pero` dan il-konkors, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa wiehed formali jew ideali (u mhux konkors reali jew materjali[3]), u allura, skond gurisprudenza u dottrina inveterata, ir-reat l-anqas gravi jigi assorbit fir-reat l-aktar gravi u l-persuna hatja tigi dikjarata hekk hatja biss, u tigi punita biss, ta' dak ir-reat l-aktar gravi[4]. Fil-kaz in dizamina l-konsegwenza, allura, tkun l-istess bhal fid-diversi sentenzi gja` moghtija minn din il-Qorti u msemmija fin-nota *in calce* nru wiehed, *supra*, u cioe` li l-imputat jigi misjub hati u punit skond id-disposizzjoni tar-regolament 6 tal-A.L. 124/1995, peress li l-piena ghal dan ir-reat – piena li tohrog ukoll mir-regolament 15 ta' l-istess A.L. – hija aktar gravi mill-piena ghar-reat kontemplat fir-

[3] Il-konkors materjali jew reali tar-reati (u tal-pieni) hu dak il-konkors li ghalih jirreferi l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali. Ara a propositu is-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Richard Borg u William Mercieca**.
[4] Ara, fost ohrajn, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Michael Bonnici u Michael Azzopardi** App. Krim. 11/1/1994; **Il-Pulizija v. Emanuel Tabone** App. Krim. 26/8/1998. Ara wkoll ir-referenzi ghas-sentenzi, hafna minnhom mhux ippublikati, fl-appunti tal-Prof. Sir Anthony Mamo.

regolament 18 tan-N.G. 392/1929. Isegwi ghalhekk ukoll li, kuntrarjament ghal dak li argumenta l-abbili difensur ta' l-appellat, l-appell ta' l-Avukat Generali hu ben radikat fl-Artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodici Kriminali.

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell interpost mill-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn, fuq ammissjoni, sabet lill-appellat Christopher Delia hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, izda thassarha u tirrevokaha in kwantu rriferiet ghar-regolament 18 tal-A.L. [recte:Notifikazzjoni tal-Gvern] 392/1929 kif ukoll in kwantu kkundannat lill-istess Christopher Delia ammenda ta' hamsa u tletin Ewro (€35), u minflok, wara li rat ir-regolamenti 6(1)(4) (kif kienu qabel l-emendi introdotti bl-A.L. 93/2008) u 15(1) tal-A.L. 124/1995, tikkundannah multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750) konvertibbli f'erbgha u sittin (64) jum prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u, fil-kaz li l-appellat diga` hallas l-ammenda inflitta fuqu mill-ewwel qorti ta' €35, dawn il-€35 ghandhom jitnaqqsu mill-ammont ta' €750, b'mod ghalhekk li l-multa tkun ta' seba' mija u hmistax-il Euro (€715), konvertibbli f'wiehed u sittin (61) jum prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------